Dok. 135 (2)

Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Numru 626/2005

Il-Pulizija
(Sp Anthony Cassar)
vs
Grezzju Ciantar, iben Carmelo,
imwieled Ħaż-Żabbar fit-8 ta'
april, 1952
u
Angelo sive Gino Agius, iben John,
imwieled Ħaż-Żabbar fil-15 ta' frar,
1949
u
Frankie Xerri, iben Martin,
imwieled Pieta' fl-4 ta' ottubru, 1981
u
Ivan Farrugia, iben Nicholas,
imwieled Pieta' fl-20 ta'
marzu, 1986
u
Maria Dolores Zahra, bint Carmelo,
imwielda Pieta' fit-22 ta'

settembru, 1982
u
Lionel Gerada, iben Carmelo,
imwieled Pieta' fid-19 ta'
diċembru, 1986
u
Christopher Portelli, iben Emanuel,
imwieled Pieta' fl-1 ta' ġunju, 1973
u
Rene' Brincat, iben Anthony,
imwieled Pieta' fit-23 ta' lulju, 1984
u
Francois Farrell, iben Patrick,
imwieled Ħaż-Żabbar fit-30 ta'
settembru, 1984
u
Paul Cassar, iben Anthony,
imwieled imwieled Pieta' fl-4
ta' diċembru, 1984
u
Jonathan Cassar, iben Taddeo,
imwieled Pieta' fl-1 ta'
jannar, 1987
u

Lawrence Camilleri, iben Joseph,
imwieled Pieta' fis-16 ta' mejju,
1977

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fi Triq is-Santwarju u f'inħawi oħra f'Ħaż-Żabbar, fil-lejl ta' bejn il-ġimgħa u is-sibt, fl-10 u fil-11 ta' settembru, 2004 –
1. ħadu sehem f'parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra min-nies jew aktar, miġbura bil-ħsieb li jagħmlu reat, għalkemm din il-ġemgħa ma kienitx imxewxa minn xi ħadd partikulari, liema reat fil-fatt sar;
2. meta kienu tnax il-persuna jew aktar, miġburin flimkien kontra l-liġi bi ksur tal-paċi pubblika, wara li ġew

formalment imwissija jew mitluba minn awtorita' kompetenti biex jixxerdu u bil-kwiet imorru lejn darhom jew fuq xogħolhom, baqgħu jew issoktaw flimkien kontra l-liġi, f'numru ta' tnax jew aktar, għal żmien siegħa wara li kienet ġiet magħmula dik it-twissija pubblika;
3. meta kienu tlett persuni jew aktar, li nġemgħu jew baqgħu flimkien, għal kull ħsieb li jkun, b'mod tali u taħt ċirkostanżi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, għadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'oħra, li jistgħu jġibu twerwir u biża' fost in-nies;
4. inġurjaw, heddu u għamlu offiżi fuq il-persuni ta' l-Assistant Kummissarju Paul Sammut, is-Supretendent Patrick Spiteri, l-Ispettur Anthony Cassar kif ukoll diversi uffiċjali oħra tal-pulizija, liema persuni huma nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu jagħmlu dan is-servizz, bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
5. attakaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmija uffiċjali tal-pulizija, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' o'dni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' k'mpetenti;
6. mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' l-imsemmija uffiċjali tal-pulizija, kif ukoll ta' diversi persuni oħra f'perikolu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħhom, skond ma ċċertifikaw Dr. Ian Cauchi M.D., Dr. Anthony Mifsud, M.D., Dr. Charmaine Fava M.D., kif ukoll diversi tobba oħra taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;
7. bil-lejl kisru l-mistrieħ tan-nies, bi ħsejjes, għajjat jew b'mod ieħor;
8. ġrew bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazzez, b'perikolu li jaħbtu ma xi ħadd u jweġġgħuh;
9. kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
10. ma obdewx l-ordnijiet leġittimi ta' l-imsemmija uffiċjali tal-pulizija, nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallewhomx jew fixkluhom fil-qadi ta' dmirijiethom jew b'xi mod ieħor, bla jedd indaħlu fi dmirijiethom;

11. f'lok pubbliku jew miftuħ għal pubbliku, kienu fis-sakra b'mod li ma kienux jistgħu jieħdau ħsieb tagħhom infushom, jew f'lok pubbliku jew miftuħ għal pubbliku, jienu jidhru ċar fis-sakra;
12. waddbu ġebel jew ħwejjeġ oħra iebsin għall-istħa, bjut, twieqi, bibien, btieħi fanali, ħitan tad-djar ta' ħaddieħor, jew ta' bini ieħor;
lil Rene' Brincat, waħdu –
13. bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt meta pprovja jikkaġuna ferita gravi fuq diversi persuni billi ttanta jitfa mejda tal-ħadid minn fuq il-bejt tas-Social Club, Ħaż-Żabbar għal fuqhom, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta tal-persuni, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena, jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħatja bl-obbligazzjoni tagħhom infushom, taħt penali li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' april, 2006 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra ħlief għall-akkużi min-numru 7 san-numru 12 billi dawn l-akkużi huma preskritti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkużi bin-numru 7 san-numru 12 billi tali akkużi huma preskritti. Issibhom ħatja tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 68(2), 79(1), 80, 95(1), 96, 221(1) tal-Kodiċi Kriminali u fil-każ ta' Rene' Brincat ukoll l-artikoli 41(1)(a) u 216 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputati jikkomettu reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi ta'

dan il-każ mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------